MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1984/2004

**Colour Chart Limited u b'digriet tat-Tribunal tal-1 ta' Marzu, 2005 wara l-kelma "Chart" ghandha tidhol il-kelma "Co."**

**Vs**

**Melita Marine Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf u erbgha u sittin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm1,064.86c) rapprezentanti import ta' diversi *invoices* mahrugin ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici ghall-beneficcju tas-socjeta' konvenuta.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha wiegbet li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante li hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' Damian Borg Nicholas u ta' Pierre Balzan.

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tas-17 t'Ottubru, 2005 u n-Nota konguntiva tal-partijiet tal-31 t'Ottubru, 2005 li biha ddikjaraw li jridu li dan it-Tribunal jipprocedi ghas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta' attrici pprovdiet servizzi ta' *graphic design*, *advertising* u *printing* ghall-beneficcju tas-socjeta' konvenuta u dawn is-servizzi gew rezi bejn it-30 t'April, 2001 u l-31 ta' Dicembru, 2002 skond varji *invoices* kif jinsabu elenkati fil-prospett Dok. A a fol 2 u 3 tal-process li minnu jidher bilanc ta' elf u erbgha u sittin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm1,064.86c). L-ahhar pagament huwa permezz ta' cekk tal-20 t'April, 2003 fl-ammont ta' erba' mija w erbatax-il lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm414.11c).

Damian Borg Nicholas anki kkonferma li fil-fatt wara li hargu l-*invoices* huma ma baghtu l-ebda Ittri Ufficjali sakemm bdiet il-kawza odjerna izda ddikjara li kien ikellem lil Pierre Balzan cjoe' r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta dwar il-bilanc u dan ta' l-ahhar kien dejjem jirrispondi li ser jibghat ic-cekk. Dan kien verbalment u mhux bil-miktub.

Pierre Balzan xehed illi huwa d-Direttur tas-socjeta' konvenuta u in kwantu li jirrigwarda l-bilanc li qed jintalab f'din il-kawza huwa ddikjara li qed jikkontesta dan l-ammont u ddikjara li sema' lil Damian Borg Nicholas jixhed u cahad dak li qal u li qatt ma qal li ser jibghat cekk.

Ir-raguni li kkontesta l-bilanc kienet li l-prodott finali li gie sottomess ma kienx accettabbli ghalih. Hu baqa' jinsisti li qatt m'ammetta l-ammont dovut.

Is-socjeta' konvenuta qajmet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2148 (a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li tkopri azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arloggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom jew tal-materjal li jfornu.

It-Tribunal jidhirlu illi l-eccezzjoni mressqa mis-socjeta' konvenuta ma tapplikax ghall-kaz odjern ghaliex fil-fatt ghandu japplika fil-konfront tal-partijiet id-dispost ta' l-Artikolu 2151 (2) tal-Kodici Civili u dan billi minn ezami ta' l-i*statement* esebit, bejn il-partijiet kien hemm kont kurrenti vigenti fis-sens illi kienu qed isiru x-xoghlijiet, johorgu l-*invoices* u minn zmien ghal zmien jintbaghat cekk. Il-kont dejjem baqa' juri bilanc tista' tghid mill-bidu li nfetah u qatt ma kien hemm zmien fejn il-kont kien gie maqtugh kompletament. Dan ma kienx kaz ta' bniedem illi joffri l-prestazzjonijiet tieghu u jithallas u mbaghad ikun hemm xi ftehim gdid, izda kien kaz evidenti ta' kont miftuh bejn il-partijiet li gie vverifikat minn zmien ghal zmien minn *invoices* u *statements*. Jekk wiehed jara l-pagamenti li saru, partikolarment dawk ta' l-ahhar, isib illi fil-fatt il-pagamenti li saru mit-18 ta' Dicembru, 2001 'il quddiem kienu kollha pagamenti akkont u ma kienux jirriflettu xi *invoice* wiehed shih hlief xi eccezzjoni 'l hawn u 'l hemm u dan ikompli jikkonferma li fil-fatt kien hemm sistema ta' *current account*.

Hija qajla kredibbli li kien hemm kontestazzjoni dwar il-kwalita' tas-servizz moghti u dan billi minkejja li l-ahhar *invoice* li ggib id-data tal-31 ta' Dicembru, 2002, l-ahhar pagament sar erba' xhur wara, t'ammont ferm akbar milli kemm kien juri bilanc l-ahhar *invoice* u certament kieku kien hemm ilment dwar l-*invoice*, ma kienx isir tali pagament.

Ghal dawn il-motivi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda.  Billi m'hemm l-ebda eccezzjoni ohra mressqa, t-Tribunal m'ghandux alternattivi hlief li jilqa' t-talba attrici kif dedotta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u erbgha u sittin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm1,064.86c) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------